Mellieħa

4 ta' Frar 2020

# IT-TMIEN KUNSILL

**AĠENDA Numru 10**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa**

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru **10** li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 11 ta' Frar, 2020 fis-6.00 pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u l-medja soċjali u hi miftuħa għall-pubbliku.

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

---

**AĠENDA**

10.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

10.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

10.3. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

10.4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

10.5. L-Istqarrijiet Finanzjarji għas-sena 2019;

10.6. Kustodja tal-*Heritage Trail* tal-Selmun u l-Imġiebaħ;

10.7. Sejħa għall-Offerti MLC 10/2019 – Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi *u Soft Areas;*

10.8. Sejħa għall-Offerti MLC 8/2019 – Żamma ta' Latrini Pubbliċi;

10.9. Kumitat *ad hoc* dwar Triq Ġorġ Borg Olivier;

10.10. Estimi Finanzjarji 2020 u Pjan ta' Ħidma 2020-2022;

10.11. Mozzjoni dwar l-ħlas ta' *performance bonuses* lill-impjegati tal-Kunsill;

10.12. Konsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta' Provisti u Servizzi; u

10.13. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## MOZZJONI

**10.11. Mozzjoni mressqa mis-Sindku D. Vella illi tgħid:**

"Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) (L.S. 363.20) skont Regolament 19(1), jipprovdu għall-ħlas ta' *performance bonus* lill-impjegati tal-Kunsill;

Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2019 ġiet ivvutata somma għal dan il-għan, filwaqt li jidher illi ngħata servizz mill-uffiċjali mpjegati mal-Kunsill matul is-sena 2019, kif deskritt fil-*Performance Appraisal Report* li ġie mħejji skont l-iskeda, mehmuża mal-imsemmija regolamenti;

Il-Kunsill jirriżolvi illi għas-Sena Finanzjarja 2019, is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-impjegati l-oħra eliġibbli, għandhom jitħallsu *performance bonus*, maħdum fuq is-salarji bażiċi rispettivi mħallsa f'Diċembru 2019, skont il-perċentwali indikati fl-istess rapporti.". (Wages)

Dario Vella
Sindku
**Proponent**

Ivan Castillo
Kunsillier
**Sekondant**